MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru. 107/2008

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa)
vs
Simon Zammit, iben Alfonso, imwieled Pieta' fit-12 ta' Marzu, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Jannar, 2004 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ li jeċċedi €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta’ Luciano Kerr mill-Fgura u is-soċjeta’ Maltacom plc;
2. talli f’dawn il-Gżejjer, fis-27 ta’ Jannar, 2004, għamel falsifikazzjoni f’att awteniku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalaq ġattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn iil-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
4. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni fi skrittura private li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;
5. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, xjentement għamel użu minn skrittura private falza li setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;
6. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
7. talli sar reċidiv skond l-artikolu 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b’żewġ sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-25 ta’ Ottubru, 2000 u tal-24 ta’ Jannar, 2002.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-ftehim iffirmat mill-imputat mas-soċjeta’ Go plc fejn l-imputat obbliga ruħu li jħallas is-somma ta’ €1,640.83.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b), 183, 184, 187(1), 181(2) u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €1,640.83 lill-Go plc fi żmien sitt xhur mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbad ebda espert jew perit f'dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------